

Brussell, 12 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

14905/25

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0299 (NLE)**

---

---

**SOC 727  
EMPL 485  
ECOFIN 1459**

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Messaġġi ewlenin mill-KPS dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva fl-Istati Membri kollha tal-UE - Approvazzjoni

---

Id-delegazzjonijiet isibu l-Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva fl-Istati Membri kollha tal-UE, li għandhom jiġu approvati mill-Kunsill (EPSCO) fis-sessjoni tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2025.

Ir-Rapport sħiħ dwar l-Introjtu Minimiu tal-2025, imħejji b'mod konġunt mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea, u l-Analiżi tal-pajjiżi jinsabu fid-dokument 14905/25 ADD 1 u fid-dokument 14905/25 ADD 2, rispettivament.

## Ir-Rapport dwar l-Introjtu Minimu tal-2025

**Ħarsa ġenerali dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2023 dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva fl-Istati Membri kollha tal-UE**

**Rapport konġunt imħejji mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni**

### Messaġġi ewlenin

1. **Wara l-kriżi tal-għoli tal-ħajja, il-faqar jibqa' ta' tħassib kbir għal ħafna Ewropej.** Skont stħarriġ tal-Ewrobarometru fl-2025, 84 % tal-Ewropej jinsabu inkwetati li dawk in-nies li qed jeħilsuha mill-faqar f'pajjiżhom huma ftit wisq<sup>1</sup>. Il-faqar itellef id-dinjità tal-bniedem. Il-faqar ma nindirizzawhx biss għaliex huwa imperattiv etiku u soċjali. L-appoġġ għall-koeżjoni soċjali huwa essenzjali wkoll biex niżguraw il-fiduċja fl-istituzzjonijiet politiċi u biex isoċjetajiet tagħna jsiru aktar reżiljenti. Huwa wkoll għaqli ekonomikament, għaliex forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati u kkwalifikata sew issaħħaħ il-kompetittività tagħna. Barra minn hekk, il-faqar għandu prezz. Pereżempju, l-iżvantaġġ soċjoekonomiku fit-tfulija jiswa lis-soċjetajiet l-ekwivalenti ta' 3.4 % tal-PDG kull sena<sup>2</sup>.
2. **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2023 dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva tirrappreżenta stadju importanti biex jiġu indirizzati l-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-UE.** B'din ir-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri qablu dwar il-komponenti komuni ewlenin għal politiki ta' suċċess dwar l-introjtu minimu, bil-ħsieb li b'mod konġunt jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-faqar fl-UE. Huma tennew il-merti tal-approċċ ta' inklużjoni attiva, li jgħaqqad l-appoġġ għall-introjtu mal-politiki ta' suq tax-xogħol inklużiv u l-aċċess għas-servizzi. Barra minn hekk, bil-ħsieb li tiġi żgurata ħajja b'dinjità fl-istadji kollha tagħha, stabbilew ambizzjoni konġunta biex sal-2030 jiksbu gradwalment livell xieraq ta' appoġġ għall-introjtu. Dan għandu jappoġġa l-konverġenza soċjali 'l fuq.

---

<sup>1</sup> L-Ewrobarometer Speċjali 559, Investing In Fairness, 2025.

<sup>2</sup> OECD, The economic costs of childhood socio-economic disadvantage in European OECD countries, 2022

3. **Waqt li għadd ta' Stati Membri bdew jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni u għamlu progress, f'xi każijiet bl-appoġġ tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (ESF+) f'dan l-istadju, ebda waħda mill-iskemi tal-Istati Membri għal introjtu minimu ma hija kompletament konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni.** Barra minn hekk, filwaqt li l-biċċa l-kbira tar-riformi nazzjonali segwew il-gwida inkorporata fir-Rakkomandazzjoni, f'xi każijiet l-Istati Membri żviljaw mill-prinċipji tar-Rakkomandazzjoni.
4. **Ir-Rakkomandazzjoni tagħti diversi approċċi biex tiġi żgurata l-adeqwatezza, iżda l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jeħtieġ li jagħmlu iżjed sforz biex itejbu l-adeqwatezza.** Ir-referenza għal-limitu tar-riskju ta' faqar (AROP) hija waħda mill-approċċi deskritti fir-Rakkomandazzjoni. Bħala medja, fl-2023, l-introjtu nett ta' persuni waħedhom li jirċievu (mill-inqas) introjtu minimu jilħaq it-33.8 % tal-introjtu disponibbli medjan, filwaqt li l-livell tal-AROP huwa ta' 60 % tal-introjtu disponibbli medjan. Iċ-ċifra hija ta' 37.9 % tal-introjtu disponibbli medjan għall-koppji b'żewġ itfal. Madankollu, madwar kwart tal-Istati Membri ma għandhomx metodoloġija ċara biex jiddefinixxu l-livell ta' appoġġ għall-introjtu u terz ma jipprevedu l-ebda aġġornament jew indiċjar regolari. Hemm bżonn li jissaħħu l-isforzi biex titjeb il-metodoloġija u tiġi indiċjata jew aġġornata regolarment sabiex tiġi żgurata l-adeqwatezza.
5. **Importanti wkoll niżguraw li daww fil-bżonn ikunu intitolati għall-benefiċċji għaliex għad fadal diskrepanzi fil-kopertura.** Fl-2023, bħala medja fl-UE, 16.8 % tal-popolazzjoni fqira f'unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjeg ma rċevew l-ebda benefiċċju soċjali. Filwaqt li l-Istati Membri kollha għandhom kriterji ta' eliġibbiltà ġeneralment trasparenti, dawn ivarjaw f'termini partikulari ta' residenza, età u t-test tal-mezzi jew tal-assi. Dan jindika eteroġenità qawwija u xi kultant saħansitra dejjem akbar fid-definizzjoni tal-popolazzjoni fil-bżonn.

6. **L-Istati Membri kollha qed jiffaċċaw sitwazzjoni fejn il-benefiċċji tal-introjtu minimu mhux qegħdin jittieħdu u dan inaqqas l-effikaċja tal-iskemi tal-introjtu minimu.**

Madankollu, il-kwantifikazzjoni ta' kemm mhux qegħdin jittieħdu hija diffiċli billi ma hemmx approċċ wieħed ivvalidat għall-istima tagħha. Huma ftit ħafna l-Istati Membri li regolarment jieħdu l-impenn li jivvalutaw il-livell ta' kemm dawn il-benefiċċji mhumiex qed jittieħdu. L-istimi jvarjaw minn 20 % sa 50 % skont l-Istati Membri. Għadd ta' Stati Membri qed jimplementaw miżuri biex jindirizzaw ir-raġunijiet varji għal dan in-nuqqas ta' teħid, partikularment billi jissimplifikaw u jiddiġitalizzaw il-proċeduri ta' applikazzjoni, jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni (online u offline), jiġbru data minn awtoritajiet differenti f'sistema komprensiva tal-informazzjoni u jippruvaw jilhqqu benefiċjarji potenzjali. Minkejja dan, dawn l-inizjattivi jeħtieġ li jissaħħu biex jindirizzaw dan in-nuqqas ta' teħid b'mod aktar komprensiv.

7. **L-Istati Membri qed ikomplu l-isforzi tagħhom biex irawmu swieq tax-xogħol inklużivi, fost l-oħrajn billi jsaħħu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati u kkwalifikata sew quddiem l-isfida ta' popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed dejjem tiċkien.** Ġew proposti riformi biex jissaħħaħ ir-rwol tal-benefiċċji tal-introjtu minimu fl-appoġġ lir-riċevituri biex jipparteċipaw f'miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol (ALMPs) u jfittxu impjeg b'mod attiv. Għal dan l-għan, xi Stati Membri wessgħu l-miżuri ta' attivazzjoni waqt li fl-istess ħin issikkaw il-kriterji ta' attivazzjoni. Dan għandu jkun akkumpanjat minn ALMPs aktar effettivi mmirati lejn ir-riċevituri ta' introjtu minimu, waqt li jingħata appoġġ personalizzat u eżiti sostnuti ta' impjeg. Importanti għal dawk li jfasslu l-politika li jifhmu l-kawżi fundamentali tal-inattività sabiex jadattaw l-ALMPs u jindirizzaw l-isfidi tal-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Huwa meħtieġ monitoraġġ bir-reqqa tal-impatt ta' kriterji ta' attivazzjoni aktar stretti biex jiġi żgurat li dawn ma jwasslux għall-faqar jew l-esklużjoni soċjali.

8. **Għalkemm l-inċentivi finanzjarji biex iħeġġu x-xogħol ġew inkorporati fl-iskemi ta' introjtu minimu madwar l-Istati Membri, għad fadal nuqqasijiet fil-kapaċità tal-iskemi li jappoġġaw l-introjtu tal-benefiċċjarji meta jkunu qed jaċċettaw impjieg.** F'ċerti pajjiżi, iż-żidiet fis-siġhat tax-xogħol mhux dejjem jirriżultaw f'żieda fl-introjtu disponibbli. Barra minn hekk, fatturi mhux finanzjarji bħad-disponibbiltà ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol, u opportunitajiet ta' impjieg ta' kwalità huma kruċjali biex tiġi ffaċilitata l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol. Tranżizzjoni b'suċċess lejn impjieg teħtieġ l-eliminazzjoni gradwali tad-dritt għall-benefiċċji flimkien mad-dispożizzjoni ta' inċentivi kemm finanzjarji kif ukoll mhux finanzjarji.
9. **Diversi Stati Membri wrew impenn qawwi biex jiffaċilitaw l-aċċess għal servizzi abilitanti u essenzjali.** Filwaqt li ġew approvati ħafna riformi, f'xi pajjiżi ċerti servizzi jistgħu ma jkunux faċilment aċċessibbli għar-riċevituri ta' introjtu minimu minħabba ostakli bħad-disponibbiltà, l-affordabbiltà jew kapaċità operazzjonali baxxa. Għad fadal nuqqasijiet f'oqsma bħall-aċċess għall-indukrar tat-tfal, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-konnettività mal-internet. Barra minn hekk, f'ħafna Stati Membri l-istandards tal-kwalità għas-servizzi huma nieqsa.
10. **Il-pjanijiet ta' inklużjoni soċjali tipikament jiġu żviluppati wara li jitwettqu valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet individwali biex tingħata taħlita xierqa ta' servizzi soċjali u attivi tas-suq tax-xogħol.** Filwaqt li madwar nofs l-Istati Membri introduċew pjanijiet ta' inklużjoni soċjali ddedikati għar-riċevituri ta' introjtu minimu, sitt pajjiżi biss – f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill – għandhom dispożizzjonijiet legali biex jipprovdu dawn il-pjanijiet fi żmien tliet xhur. Il-kopertura reali tal-benefiċċjarji mill-pjanijiet għadha relattivament baxxa.

11. **Skemi b'saħħithom ta' introjtu minimu jeħtieġu proċessi ta' governanza effettivi, parteċipattivi u komprensivi.** Jeħtieġu livell suffiċjenti ta' kapaċità operazzjonali, kooperazzjoni u involviment tal-partijiet ikkonċernati fid-diversi stadji tal-implimentazzjoni tal-politika, u jeħtieġu wkoll jistabbilixxu mekkaniżmi robusti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. It-tfassil ta' skemi ta' introjtu minimu jvarja bejn l-Istati Membri minħabba t-tradizzjonijiet nazzjonali. Mekkaniżmi ta' governanza robusti jistgħu jgħinu fil-prevenzjoni tal-frammentazzjoni, id-duplikazzjoni u l-lakuni, u b'hekk jiżguraw li l-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar vulnerabbli jiġu indirizzati b'mod effettiv, irrispettivament mit-tfassil ġenerali tas-sistemi tal-benefiċċji.
12. **Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) iqis li ser ikunu meħtieġa aktar sforzi biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati mill-ewwel rapport konġunt bejn il-Kummissjoni u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni.** Dan ser jikkontribwixxi għall-isforzi li jindirizzaw il-faqar u jilħqu l-mira tal-UE li tnaqqas l-għadd ta' persuni friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali b'mill-inqas 15-il miljun sal-2030. Billi tagħmel hekk ser tgħin ittejjeb ir-reżiljenza tas-soċjetajiet tagħna u l-kompetittività tal-ekonomiji tagħna. Bil-ħsieb li jikkontribwixxu għal dawn l-isforzi, il-Kummissjoni u l-KPS ser ikomplu jappoġġaw u jimmonitorjaw il-politiki tal-Istati Membri, b'mod partikolari billi jipubblikaw rapport ġdid fl-2028, billi jtejbu kontinwament il-qafas ta' valutazzjoni komparattiva tal-introjtu minimu u jiffaċilitaw it-tagħlim reċiproku fil-KPS u l-gruppi ta' ħidma tiegħu (bħan-Network dwar l-Introjtu Minimu, MINET). Barra minn hekk, l-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar li jmiss, l-ewwel waħda li qatt kien hemm, ser tressaq inizjattivi konkreti biex tappoġġa impenn imġedded għall-għieda kontra l-faqar fl-UE.